

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell 8.12.2008
SEC(2008) 2957

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

li jakkumpanja

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-istandards tal-kwalità u s-sikurezza ta' organi umani maħsuba għat-trapjant

u l-

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

**Pjan ta' Azzjoni dwar id-Donazzjoni tal-Organi u t-Trapjant (2009-2015):
Kooperazzjoni Msaħħa bejn l-Istati Membri**

Taqsira tal-Istima tal-Impatt

{COM(2008) 818 finali}

{COM(2008) 819 finali}

{SEC(2008) 2956}

TAQSIRA TAL-ISTIMA TAL-IMPATT¹ INTEJBU D-DONAZZZJONI U T-TRAPJANT TAL-ORGANI FL-UNJONI EWROPEA

1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Minħabba avvanzi rapidi fil-mediċina tat-trapjant, l-użu ta' organi umani għat-trapjant żdied regolarment matul dawn l-aħħar deċennji. Id-donazzjoni tal-organi għandha potenzjal għoli ħafna li ssalva l-ħajjiet u li żżid il-kwalità tal-ħajja tal-pazjenti. Dan il-potenzjal jista' jiġi biss realizzat, madankollu, meta għadd suffiċjenti ta' organi jkunu disponibbli għat-trapjant, meta jkun hemm kwalità adegwata u miżuri ta' sikurezza fis-seħħ biex inaqqsu r-riskji ta' mard li jittieħed, u meta l-proċessi jkunu organizzati b'mod effiċjenti u jkunu aċċessibbli lil dawk kollha li jkunu fil-bżonn.

1.1. Disponibilità ta' organi

Bħalissa, id-domanda għall-organi teċċedi d-disponibilità tagħhom fl-Istati Membri kollha u d-domanda tiżdied iktar malajr mir-rati ta' donazzjoni tal-organi fil-parti l-kbira tal-Istati Membri. Filwaqt li hemm domanda dejjem tiżdied għall-organi, id-disponibilità tal-organi tvarja ħafna bejn l-Istati Membri, minn 33.8 donaturi deċeduti għal kull miljun ta' popolazzjoni fi Spanja għal donatur deċedut għal kull miljun ta' popolazzjoni fir-Rumanija. Spanja u ftit Stati Membri oħra biss irnexxielhom iżidu b'mod sinifikanti l-għadd ta' donaturi. Kien hemm prova li dawn iż-żidiet huma marbuta mal-introduzzjoni ta' prattiċi organizzattivi.

Rati ta' donazzjonijiet ivarjaw sostanzjalment ukoll bejn l-Istati Membri, u jidher li mhux il-pajjiżi kollha jirrealizzaw il-potenzjal tagħhom għal donazzjonijiet ħajjin.

L-importanza ta' aspetti organizzattivi ta' ksib ta' organi u d-differenzi kbar fil-prattiċi u r-rendimenti fost l-Istati Membri juru benefiċċju ċar ta' skambju ta' l-aqwa prattiċi bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

1.2. Kwalità u Sikurezza fit-trapjant tal-organi

It-trapjant tal-organi huwa trattament li potenzjalment isalva ħajja, li madankollu jinvolvi riskji sostanzjali lill-pazjenti. Dawn ir-riskji jiġu mill-karatteristiċi ta' kwalità u ta' tqabbil tal-organu kif ukoll it-trattament mediku riċevut.

L-użu ta' organi fit-terapija jponi riskju ta' trażmissjoni ta' mard infettuż lir-riċevitur tal-organu. It-trapjant jista' jwassal ukoll għat-trażmissjoni ta' tipi differenti ta' kankri. Barra minn hekk, il-kwalità u s-sikurezza ta' organi jista' jkun ta' riskju minħabba ħsara lill-organu matul il-proċess ta' ksib. Biex jitnaqqsu dawn ir-riskji, ħafna mis-sistemi ta' trapjant japplikaw proċeduri ta' kwalità u sikurezza matul il-proċess kumpless ta' donazzjoni. Bħalissa l-istandards ta' kwalità u sikurezza jvarjaw ħafna fost l-Istati Membri

1.3. Tisħiħ tal-effiċjenza u l-aċċessibilità ta' sistemi ta' trapjant

L-iskambju ta' organi bejn l-Istati Membri diġà huwa prattika komuni bejniethom. Madankollu, hemm differenzi kbar bejn l-għadd ta' organi skambjati minn fruntiera għall-oħra bejn l-Istati Membri li stabbilew korpi u regoli għall-iskambju internazzjonali ta' organi bħal Eurotransplant u Scandiatransplant u l-Istati Membri l-oħra.

¹ Fuq il-bażi ta' SEC(2005) 791 tal-15 ta' Ġunju 2005 (Linji Gwida dwar l-Istima tal-Impatt).

Id-differenzi fir-rati ta' skambju jindikaw li l-potenzjal sħiħ tal-iskambju tal-organi għadu ma ntlaħaqx. Dan huwa problematiku peress li l-iskambju transkonfinali tal-organi għandu benefiċċji ċari. Minħabba l-bżonn li d-donatur u r-riċevitur ikunu jaqblu, importanti li jkun hemm ġabra kbira ta' donaturi biex ikopru l-bżonnijiet tal-pazjenti kollha li qegħdin fuq il-lista ta' stennija. Jekk ma jkun hemm l-ebda skambju ta' organi bejn l-Istati Membri, allura r-riċevituri fil-bżonn ta' tlaqqigħa li mhix frekwenti jkollhom ċansijiet żgħar ħafna li jirċievu organu, filwaqt li donaturi ma jitqisux minħabba li m'hemm l-ebda riċevitur kompatibbli fuq il-listi ta' stennija. Dan hu partikolarment minnu għal pazjenti li diffiċli jiġu trattati (pazjenti pedjatriċi, urġenti jew ipersensitizzati li jeħtieġu tqabbil speċifiku ħafna) u Stati Membri żgħar. Il-mobilità ta' donaturi u riċevituri potenzjali ta' organi hija t-tieni sfida ewlenija għall-oqfsa attwali ta' kwalità u sikurezza, wara n-nuqqas ta' organi. L-evidenza turi li iktar u iktar nies jistgħu jsiru donaturi tal-organi waqt li jgħixu fi Stat Membru ieħor. Biex jiġi żgurat li l-organi disponibbli għat-terapija ma jinħlewx, huwa importanti li ma jkun hemm l-ebda ostakli għall-użu ta' dawn l-organi u li l-familji ta' dawn id-donaturi jkollhom fiduċja fis-sistema ta' donazzjoni ħalli ma jirrifjutawx id-donazzjoni.

2. SUSSIDJARJETA

L-Artikolu 152 tat-Trattat KE jipprovdi bażi ġuridika ċara għall-inizjattivi proposti. Miżura tal-UE fil-qasam tat-trapjant u d-donazzjoni tal-organi jista' jiġi rikonċiljat mal-prinċipju ta' sussidjarjetà fuq il-bażijiet li ġejjin:

- 1) Il-Komunità Ewropea għandha opportunità u dmir ċar li timplimenta miżuri li jorbtu li jistipulaw standards għolja ta' kwalità u sikurezza għall-użu ta' demm, organi u sustanzi ta' oriġini umana.
- 2) Azzjoni tal-Komunità Ewropea x'aktarx li tikkontribwixxi għall-valur pubbliku billi ttipprovi pjattaforma għall-implimentazzjoni u t-tagħlim reċiproku li jikkombinaw l-istandardizzazzjoni ta' rappurtar b'diversità ta' servizz.

3. L-GĦANIJIET POLITIĊI

Fl-aħħar mill-aħħar, l-għan strateġiku huwa li jintlaħaq standard għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem. Fil-qasam tad-donazzjoni u t-trapjant tal-organi, din il-mira tista' titqassam fi tliet għanijiet biex jiġu ttrattati n-nuqqasijiet kurrenti u futuri u biex tiġi ggwidata l-politika Ewropea: 1) żieda fid-disponibilità ta' organi; 2) tisħiħ tal-effiċjenza u l-aċċessibilità ta' sistemi ta' trapjant: u, 3) titjib tal-kwalità u tas-sikurezza.

4. L-ALTERNATTIVI POLITIĊI

Alternattiva 1: Ikompli l-istatus quo

B'din l-alternattiva, il-Kummissjoni Ewropea tkompli bl-attivitajiet attwali tagħha fil-qasam tad-donazzjoni u t-trapjant tal-organi, li tinvolvi predominantement riċerka sponsorizzata u programmi pilota f'dan il-qasam u parteċipazzjoni f'kooperazzjoni internazzjonali bħall-Kunsill tal-Ewropa.

Alternattiva 2: Pjan ta' azzjoni

Din l-alternattiva tipproponi approċċ mhux regolatorju li jistabbilixxi Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar id-Donazzjoni u t-Trapjant tal-Organu għall-perjodu 2009-2015 li jistabbilixxi approċċ kooperattiv bejn l-Istati Membri bbażat fuq azzjonijiet prijoritarji. Dan l-approċċ

huwa bbażat fuq l-identifikazzjoni u l-iżvilupp ta' għanijiet komuni, indikaturi u punti ta' riferiment kwantitattivi u kwalitattivi maqbula, rappurtar regolari u identifikazzjoni ta' l-aqwa prattiċi.

Alternattiva 3: Pjan ta' azzjoni + "direttiva flessibbli"

L-alternattiva 3 tgħaqqad il-Pjan ta' Azzjoni diġà deskritt b'Direttiva "flessibbli". L-approċċ regolatorju ta' din id-direttiva se jkun essenzjalment approċċ qafas, li jiżgura li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun daħlet fis-seħħ biex tittratta aspetti kruċjali tad-donazzjoni u t-trapjant tal-organi imma mingħajr ma jippreskrivi miżuri politiċi dettaljati.

Id-Direttiva se tiżgura li l-istrutturi ta' kwalità u sikurezza jkunu fis-seħħ. Dawn se jiffaċilitaw il-kundizzjonijiet għal skambji transkonfinali u jiżguraw livell bażiku ta' kwalità u sikurezza għall-pazjenti.

Alternattiva 4: Pjan ta' azzjoni + "direttiva stretta"

L-Alternattiva 4 tgħaqqad il-Pjan ta' Azzjoni deskritt fl-Alternattiva 2 b'Direttiva stretta. Id-Direttiva stretta tkun fuq il-mudell tad-Direttiva tat-Tessuti u ċ-Ċelluli u għalhekk ikun fiha regolament dettaljat dwar is-sistemi ta' kwalità u sikurezza li l-Istati Membri jridu jdaħħlu fis-seħħ, u jħallu f'tit diskrezzjoni nazzjonali fit-traspożizzjoni tad-Direttiva. Kif spjegat hawn fuq, l-Alternattiva 4 tipprovdi approċċ regolatorju iktar strett. Din l-alternattiva tinkludi proċess ta' akkreditazzjoni iktar kumpless għas-siti ta' ksib, inklużi spezzjonijiet regolari li jinkludu l-bżonn li jdaħħlu fis-seħħ struttura ta' spezzjoni speċifika. Hija titlob ukoll sistema ta' kwalità dettaljata fis-seħħ f'kull sit ta' donazzjoni. Id-Direttiva se tistipula kriterji ta' esklużjoni għad-donaturi li ssegwi l-istess approċċ segwit fid-Direttiva tad-Demm u tat-Tessuti u ċ-Ċelluli.

5. STIMA TAL-IMPATTI: TQABBIL TAL-ALTERNATTIVI

5.1. Impatti fuq is-Saħħa

L-impatti ewlenin tas-saħħa jiġu minn żieda fir-rati ta' donazzjoni (żieda fl-aspettattivi tas-saħħa u l-kwalità tal-ħajja għall-pazjenti fil-bżonn) u riskji mnaqqsa lill-pazjenti. L-alternattivi politiċi x'aktarx li jżidu r-rati ta' donazzjoni fl-Ewropa. Barra minn hekk, l-alternattivi politiċi x'aktarx li jżidu l-iskambju transkonfinali tal-organi, li jirriżultaw f'benefiċċji għal pazjenti pedjatriċi, sensitizzati ħafna u urġenti.

L-Alternattiva 1 ma tbiddilx l-*istatus quo* insodisfaċenti attwali, bi standards ta' kwalità u sikurezza diverġenti madwar l-Ewropa u potenzjal mhux żviluppat għal skambju transkonfinali ta' organi. L-Alternattiva 2 tista' toħloq kisbiet sostanzjali għas-saħħa permezz ta' żidiet fir-rati ta' donazzjoni. Il-kisbiet jistgħu normalment ivarjaw minn 0-113 000 QALYs miksuba. Madankollu dawn iż-żidiet huma inċerti peress li l-alternattiva tippermetti livell għoli ta' diskrezzjoni fl-implimentazzjoni nazzjonali, għalhekk stima ta' 60 000 QALYs tidher iktar realistika. L-Alternattiva 2 mhux se jkollha impatt fuq il-kwalità u s-sikurezza tal-organi, imma pereżempju se tneħħi diżinċentivi possibbli biex wieħed isir donatur ħaj billi tiżgura aċċess għall-kura tas-saħħa għal donaturi ħajjin; mingħajr madankollu ma jinkludu dispożizzjonijiet għal kura soċjali li eventwalment tkun meħtieġa.

L-Alternattivi 3 u 4 jissupplimentaw l-Alternattiva 2 permezz ta' standards ġuridiċi u se jkollhom effett iktar ċert fuq ir-rati ta' donazzjoni sal-punt li bidliet pożittivi jsiru obbligatorji. Huwa probabbli li dawn l-alternattivi jiżguraw tal-anqas żieda modesta fit-trapjanti ta'

2 600 organu, li jwasslu għal 39 000 sena ta' ħajja salvati jew 37 000 iktar QALYs; nistgħu nassumu li l-medja ta' QALYs miksuba se jkun superjuri, li jilħaq 90 000 QALYs. Barra minn hekk, l-Alternattivi 3 u 4 jistabbilixxu standards komuni ta' kwalità u sikurezza madwar l-Unjoni Ewropea, li jnaqqas ir-riskji lill-pazjenti u jstimula l-iskambju transkonfinali ta' organi. Madankollu, l-Alternattiva 4 mill-banda l-oħra, billi tiżgura standards ta' kwalità u sikurezza ibsin madwar l-Unjoni Ewropea tista' twassal għal diffikultajiet sostanzjali fl-implimentazzjoni għall-faċilitajiet rilevanti u għalhekk jista' anke jkollha impatt negattiv fuq ir-rati ta' donazzjoni għal xi wħud minnhom.

5.2. Impatti soċjali

Żieda fit-trapjanti tal-organi tirriżulta f'impatti soċjali pożittivi għar-riċevituri tal-organi u l-familji tad-donaturi. L-evidenza turi li t-trapjant tal-organi jżidu l-possibilitajiet għall-pazjenti biex jipparteċipaw fil-ħajja soċjali u tax-xogħol. B'mod ġenerali, it-trapjant tal-organi għandu effett pożittiv fuq il-Kwalità tal-Ħajja tar-riċevituri tal-organi. B'hekk, l-alternattivi differenti se jiġġeneraw benefiċċji soċjali addizzjonali, li jiddependu mit-trapjanti addizzjonali miksuba minn rati ta' donazzjoni miżjuda.

Azzjoni Ewropea tkun mistennija tikkontribwixxi għal żieda fil-fiduċja u l-kunfidenza fid-donazzjoni tal-organi u s-sistemi ta' trapjant, billi jitwaqqfu standards ta' kwalità u sikurezza, tiżdied il-kuxjenza pubblika, u jitjiebu l-proċessi li jittrattaw il-qraba tad-donaturi deċeduti. Madankollu, l-evidenza disponibbli dwar impatti soċjali bħall-partteċipazzjoni soċjali u standards aħjar tal-ħajjin ma jippermettux stima adegwata tal-impatti preċiżi sabiex jitqabblu l-alternattivi.

Minħabba l-impatti soċjali ta' żieda fir-rati ta' donazzjoni u l-importanza li jkollok proċessi ta' donazzjoni u trapjant robusti, nistennaw l-ogħla benefiċċji soċjali mill-alternattivi 3 u 4, li jżidu r-rati ta' donazzjoni b'ċertezza ikbar u huma aktar probabbli li jiġu infurzati l-istandards ta' proċessi tajbin.

5.3. Impatti Ekonomiċi

L-analiżi tal-alternattivi politiċi jsostnu li l-Alternattivi 2 u 4 jistgħu jwasslu għal benefiċċji ekonomiċi sostanzjali madwar l-Unjoni Ewropea, għalkemm l-Istati Membri se jkollhom jinvestu f'infrastrutturi nazzjonali tad-donazzjoni tal-organi u t-titjib tal-proċessi biex jiġu realizzati dawn il-kisbiet. Madankollu, l-evidenza disponibbli ma tippermettix il-produzzjoni ta' stimi ta' nfiq dettaljati għall-Istati Membri. Il-benefiċċji ekonomiċi jiġu primarjament mill-ispejjeż ta' trattament iffrankati peress li l-kliewi trapjantati jieħdu post it-trattament ta' djalizi. Xenarji żviluppati juru potenzjal ta' frankar ta' sa EUR 1.2 biljun fi spejjeż ta' trattament, u lħuq ta' kisbiet ta' produttività ta' sa EUR 2.4 biljun.

L-Alternattiva Politika 1 tkompli bl-*istatus quo* u mhix mistennija toħloq spejjeż addizzjonali jew benefiċċji ekonomiċi. L-Alternattiva 2 tista' tiġġenera benefiċċji ekonomiċi sostanzjali ta' sa EUR 1.2 biljun iffrankati fi spejjeż ta' trattament u impatt addizzjonali fuq il-produttività ta' EUR 3.6 biljun fi spejjeż żgħar għal titjib fil-proċess u fl-infrastruttura. Minħabba n-natura volontarja tal-Pjan ta' Azzjoni, huwa rikonoxxut li l-impatti huma inċerti ħafna minħabba li mhux magħruf sew sa liema punt se jiġi implimentat mill-Istati Membri.

L-Alternattiva Politika 3 tgħaqqad il-Pjan ta' Azzjoni ma' Direttiva flessibbli. L-Alternattiva 3 twassal għal spejjeż sostanzjali għall-implimentazzjoni ta' reġistri nazzjonali, ir-rappurtar ta' attivitajiet u sistema ta' viġilanza nazzjonali. Madankollu, minħabba l-karattru obbligatorju tal-alternattiva, naraw li l-iffrankar fl-ispejjeż u l-produttività jseħħu b'inqas inċertezza, f'firxa

ta' bejn EUR 132 miljun u EUR 1.2 biljun għall-iffrankar tal-ispejjeż, u EUR 460 miljun u EUR 2.4 biljun għall-impatti fuq il-produttività. Fl-aħħar nett, l-Alternattiva 4 hija mistennija għib l-istess benefiċċji ekonomiċi bħall-Alternattiva 3, iżda bi spejjeż ta' implimentazzjoni ogħla, peress li l-Istati Membri jkollhom inqas libertà li jużaw sistemi eżistenti u jfasslu soluzzjonijiet nazzjonali magħmula apposta.

6. IDENTIFIKAZZJONI TA' ALTERNATTIVA PREFERUTA

Meta titqies l-evidenza disponibbli, l-Alternattiva 3, li tgħaqqad Pjan ta' Azzjoni ma' Direttiva flessibbli li toħloq regolament qafas Ewropew għall-kwalità u s-sikurezza, se tgħin biex jintlaħqu l-għanijiet bl-aqwa proporzjon ta' benefiċċju mal-ispiża.

L-inqas alternattiva li tqum flus, l-Alternattiva 2, ma tkunx biżżejjed biex toħloq qafas ta' kwalità u sikurezza u b'hekk mhix se tgħin biex jinkiseb it-tielet għan. Barra minn hekk, l-impatti pożittivi potenzjali fuq is-saħħa u l-ekonomija huma iktar inċerti mit-tliet alternattivi l-oħra. Iktar minn fl-Alternattivi 3 u 4, l-Alternattiva 2 isserraħ fuq l-impenn tal-Istati Membri li jibdlu volontarjament l-istrutturi organizzattivi, itejbu l-proċessi u jinvestu fid-donazzjoni u t-trapjant tal-organi.

L-Alternattiva 4 mill-banda l-oħra se tiżgura l-iktar standards ta' kwalità u sikurezza ibsin madwar l-Ewropa li madankollu jiġi bir-riskju li jinholq piż amministrattiv bla bżonn. Dawn ir-rekwiżiti filwaqt li huma għustifikati sew fil-qasam tat-tessuti u ċ-ċelluli, meta niġu għall-organi jistgħu jkun ta' diżinċentiv għall-attività ta' donazzjoni fi sptarijiet żgħar u medji billi joħolqu piż amministrattiv bla bżonn, filwaqt li l-għan għandu jkun li jiżied l-involvement ta' dawn l-atturi fil-proċess ta' donazzjoni.

Approċċ regolatorju strett jista' jwassal għal diffikultajiet sostanzjali fl-implimentazzjoni u jista' jkollu impatt negattiv fuq ir-rati ta' donazzjoni għal xi faċilitajiet. Barra minn hekk, l-Alternattiva 4 tista' tkun mistennija li jkollha l-ogħla spejjeż ta' implimentazzjoni ġenerali, peress li anke pajjiżi b'sistemi ta' donazzjoni u trapjant diġà stabbiliti sew se jkollhom bżonn jibdlu l-infrastrutturi u l-proċessi tagħhom biex jikkonformaw mal-preskrizzjonijiet tal-UE. Madankollu, l-Alternattiva 4 jkollha wkoll benefiċċji ekonomiċi sostanzjali permezz ta' spejjeż ta' trattament frankati u l-impatti ta' produttività ta' stennija ta' ħajja itwal.

Madankollu hemm bżonn ċar li jiżgura li l-kundizzjonijiet ta' ksib jikkonformaw ma' standards ta' kwalità u sikurezza bażiċi u biex jiġu nominati daww is-siti ta' ksib intitolati li jwettqu dawn l-attivitàjiet. L-Alternattiva 3 se tilħaq dawn l-għanijiet filwaqt li tissodisfa r-rekwiżiti ta' kwalità u sikurezza għal dan il-qasam partikolari.

Barra minn hekk, l-Alternattiva 4 tinkludi wkoll, bħal fil-qafas ġuridiku tat-Tessuti u ċ-Ċelluli kriterji ta' adattabilità għad-donatur (inklużi kriterji ta' esklużjoni tad-donaturi). Kuntrarjament, l-Alternattiva 3 se tintroduċi approċċ ġdid billi tiżgura karatterizzazzjoni sħiħa tal-organu mingħajr ma tiġi preġudikata l-adattabilità tad-donatur u għalhekk tirrispetta d-deċiżjoni klinika li trid tqis il-kundizzjoni tar-riċevitur. Dan se jippermetti lit-tim ta' trapjant biex jagħmel l-istima tar-riskju xierqa (u informata kompletament)

Dan l-approċċ huwa l-qofol biex jiġi rrispettat l-użu ta' donaturi li mhumix teoretikament ideali għal riċevituri speċifiċi fil-lista ta' stennija (pereżempju donaturi b'età avvanzata ħafna jistgħu jintużaw għal riċevituri ta' età avvanzata f'ċirkostanzi partikolari). Kuntrarjament, l-Alternattiva 4 tista' tirrestrinġi l-potenzjal għal żieda fid-donazzjoni tal-organi billi jonqos l-użi ta' "donaturi mhux ideali". L-Alternattiva 3 tipprovdi biżżejjed flessibilità lit-tim ta' trapjant biex jagħmel stima tar-riskju xierqa u jibbilanċjaha mal-benefiċċju potenzjali.

Kumplessivament, l-Alternattiva 3 tkun l-iktar waħda adatta biex jintlaħqu l-għanijiet li jiżdiedu r-rati ta' donazzjoni, bis-sistemi ta' trapjant isiru iktar aċċessibbli u effiċjenti u jiġu żgurati standards ta' kwalità u sikurezza. Billi jiġi permess ċertu grad ta' flessibilità għall-Istati Membri, din l-alternattiva tnaqqas l-ispejjeż ta' implimentazzjoni u piż amministrattiv, filwaqt li tissalvagwardja l-istandards minimi ta' kwalità u sikurezza. L-introduzzjoni ta' sett flessibbli ta' rekwiżiti li jorbtu dwar il-kwalità u s-sikurezza mhux biss se tkopri sew it-tielet għan imma se tniedi u tistimula l-għanijiet tal-Pjan ta' Azzjoni. X'aktarx li żżid ir-rati ta' donazzjoni li jirrużulaw f'benefiċċji sostanzjali għall-pazjenti kif ukoll frankar sostanzjali fl-ispejjeż għas-sistemi ta' saħħa nazzjonali.